MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Numru 1007/2002

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
John Micallef, iben Carmelo,
imwieled Tarxien fit-13 ta'
awissu, 1963

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fit-3 ta' ġunju, 2002 u f'dati preċedenti ġewwa Ħal-Kirkop, b'diversi atti magħmullin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ Lm380 bi ħsara ta’ Frank Polidano;
2. talli fl-istess ċirkostanżi, bi ħsara ta’ Frank Polidano, għamel xi qliegħ b’qerq;
3. talli fl-istess ċirkostanżi, approporja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal ħaddieħor mis-somma ta’ Lm380, flus ta’ ħaddieħor li ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;
4. talli kkometta dawn ir-reati fil-waqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar ħati ta’ reat ieħor li hu kellhu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellhu d-dmir jimpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta’ april, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub -
Fl-artikoli 18, 141, 293, 294, 308, 309, 310 tal-Kodiċi Kriminali
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ novembru, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ novembru, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut lil Frank Polidano.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ novembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issibu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 141, 293, 294 u 309 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputat. Ma tikkundannahx għal

piena karċerarja iżda tilliberah iżda il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------